MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Numru 838/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Yunus Sowe**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Yunus Sowe** ta’ 32 sena, mwieled Ghana nhar it-2 ta’ Marzu 1978, detentur tal-karta tal-identita Spanjola numru E13848934 u li m’ghandux indirizz fiss;

Talli fil-21 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar gewwa l-Bajja ta’ l-Ghadira huwa ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismjiet,

marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

1. ghamel uzu, xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

2. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe' 6 portmonijiet ta' ditti diversi Prada, CHCH, D&G, u Luis Vuitton, 4 arloggi tad-ditta Breitling, Chanel u Ferrari, 3 cinturini tal-ghamla Luis Vuitton u Giorgio Armani, 275 nuccali ta' diversi ditti fosthom Ray Ban, Armani, Christian Dior, D&G, Carrera, Chanel, Ferrari, Luis Vuitton, Diesel, Cavalli. Burberry, Gucci, Prada;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt xi haga minghajr licenzja ta' l-Awtorita' kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn Ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita' kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat\i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat l-artikoli 298 (1) u 28 (A) tal-Kap 9, u 13 tal-Kap 441;

Tikkundannah ghall-perjodu ta’ prigunerija ta’ erba’ (4) xhur, liema termina ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkiommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti tordna ukoll l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali biex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, l-Qorti tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-istess avukat generali fi zmien li trid il-ligi;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------